MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2012

Numru. 367/2010

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ARTHUR MERCIECA**

**KONTRA**

**GIUSEPPE ABELA ta' 49 sena, iben George u Nazzarena nee' Zahra, imwieled iz-Zejtun nhar id-9 ta' Settembru, 1962, residenti fil-fond Villa Rosa, Triq il-Labour, Zejtun, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 568962M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Giuseppe Abela** li gie akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer nhar it-28 ta' Dicembru, 2009, b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz,

jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ erba’ mitt Ewro (€400) ghad-dannu ta’ Water Services Corporation;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz, jew helsien falz minn obbligi jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

3. U aktar talli nhar il-11 ta’ April, 2010, ghall-habta tas-6.00pm gewwa z-Zejtun, ikkaguna lil martu Rita Abela tibza’ li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta’ taghha;

4. U aktar talli nhar il-11 ta’ April, 2010, ghall-habta tas-6.00pm, gewwa z-Zejtun, hedded u nsulenta lil martu bil-kliem;

5. U aktar talli kiser il-provvediment ta’ l-Artikolu 28A et sequitor billi kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrait datata 11.05.2009;

6. U aktar talli naqas illi jhares kundizzjoni mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati b’sentenza moghtija nhar is-27 ta’ Jannar 2010 (Malta);

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, iffalsifika cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra li meta jkunu prezentati wiehed jista’ jircievi bihom hlas jew jiehu l-kunsinna ta’ oggetti jew rahan minn ufficju pubbliku jew

minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

8. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, ghamel uzu minn wahda mill-karti msemmijin fl-Artikoli 166, 167, u 168 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' cekkijiet ghad-dannu ta' martu Rita Abela;

10. U aktar talli rrenda ruhu recidiv a tenur tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi tal-Qrati, liema sentenzi saru definittivi u ghaldaqstant ma jistghux jigu mibdula.

Rat li ghall-istess, kif anke mizjuda b'digriet taghha tas-17 ta' Settembru, 2010, l-imputat wiegeb illi ma kienx hati ta' l-istess (folio 71).

Rat ukoll l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, u cioe':

a. Fl-Artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-Artikoli 167 u 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-Artikoli 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-Artikoli 308, 309, u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-Artikoli 251 u 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. Fl-Artikoli 252 u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
g. Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
h. Fl-Artikoli 28A sa 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, relattivament ghal dak misjub fl-Artikolu 28F tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li moqrija l-istess, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Semghet il-provi u t-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok, qabel ma din il-Qorti ser tghaddi biex taghmel succinct tax-xhieda mismugha biex b'hekk tkun tista' tghaddi ghas-sentenza, ser taghmel referenza ghal dak verbalizzat mill-partijiet fis-seduta tas-17 ta' Novembru, 2011, fejn il-partijiet kienu ddikjaraw illi (in vista' tal-fatt illi din il-kawza kienet qed tinstema' mill-istess Qorti diversament preseduta), ma kienx hemm bzonn li jergghu jinstemghu l-provi mill-gdid. Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghad-digriet ta' assenjazzjoni ta' l-istess kawza moghti fid-data tat-22 ta' Marzu, 2012, folio 106.

Senjalament xehdet mart l-imputat, il-parte leza f'dawn il-proceduri, in kwantu c-cheque uzat biex tithallas il-Korporazzjoni kien minn cheque book taghha u kienet hi li allegatament sofriet it-theddid minghand zewgha. Qalet illi kienu baghtu ghaliha l-Korporazzjoni Enemalta dwar 'cheque' lilhom mibghut, dan fir-rigward ta' cheque mhux onorat. Qalet illi l-firma fuq dan ic-cheque ma kinitx taghha. Xehdet ukoll illi fil-11 ta' April kien cemplilha zewgha l-imputat, staqsieha fejn kienet u wegbitu li kienet sejra ghand ommha, qalet illi beda jghajjarha fuq il-mobile. Meta ltaqghu d-dar, hi kienet diga' waslet. Hawn kienet indunat illi hu kien qaleb il-qsari ghax kien hemm xebgha hamrija barra. Xehdet illi dahal gewwa u beda jghajjat, tefaghlha l-hwejjeg li kellha fuq is-sufan gol-hamrija. Meta dahal gewwa, qallha li kienet ser tmur mhux b'mewtha, li kien ser iniffidha minn wara ghal quddiem. Qalet illi zewgha ma kellux prokura biex jamministra hwejjigha, dan qalitu b'mod partikolari ghac-cheque book in kwistjoni. L-incident tat-theddid gara fil-11 ta' April, 2010.

Xehdet illi kien hemm perjodu twil fejn hi ghexet f'biza' kbir go darha. Spjegat diversi azzjonijiet ta' theddid ohra li ghalihom issoggettaha zewgha, sikkina, revolver mhux ta' veru, u li joqtolha u jitfaghha go kaxxa.

Qalet illi c-cheque book li ntuza kien f'isimha, pero l-flus ta' go fih kien jaghtihomlha zewgha. Qalet illi zewgha gieli kien talabha taghmillu cheque biex ihallas xi kontijiet. Xehdet illi kienu separati de facto, u li wara dan zewgha qatt ma kien talabha tohroglu xi cekkijiet. Qalet illi c-cheque book kienet izzommu go kexxun fil-kamra tal-ikel li ma kienx jinghalaq. Zewgha kien jiftah il-kexxun ghax fih kien hemm il-karti tieghu. Qalet illi hi ndunat li kien naqas ic-cheque meta rceviet l-ittra minghand l-Enemalta.

Dwar it-theddid qalet illi mhux l-ewwel darba li spiccaw il-Qorti tal-Familja. Qalet illi hi qatt ma ddepozitat flus fic-cheque book li kien f'isimha ghax hi qatt ma hadmet. Qalet illi fil-familja kellhom problemi finanzjarji, pero li bejnha u bejn zewgha issa kollox kien miexi sew. Riedet tahfirlu.

Minn naha taghhom l-Enemalta kkonfermaw illi kienu rcevew hlas b'cheque ezebit li kien gie referred to drawer. Ghalhekk Catherine Ellul gharfet l-ittra li hi kienet baghtet lill-persuna li kellha l-kont f'isimha.

Minn naha tieghu Romuald Attard in rapprezentanza tal-bank xehed illi c-cheque mahrug mill-kont ta' Rita Abela ma kienx gie onorat stante li dan ic-cheque inhareg fis-sena 2009 mentri l-kont inghalaq fid-19 ta' Frar, 2004.

Giet ezebita wkoll l-ittra ufficjali li biha giet revokata l-prokura generali li Rita Abela kienet ghamlet a favur zewgha, folio 79. A tergo ta' l-istess tinsab in-notifika ta' l-istess lil Joseph Abela, cioe' l-imputat.

Rat ukoll l-istqarrija rilaxxata ta' l-istess imputat a folio 8, Dok AM3 ta' l-atti, din wara li huwa nghata dritt ta' konsulta ma' avukat jew prokuratur legali (folio 10). Fl-istess stqarrija qal illi hu kien hareg ic-cheque in kwistjoni biex ihallas id-dawl u l-ilma ghax ma kienx jaf li l-kont kien maghluq. Qal illi lilu hadd ma kien infurmah li c-cheque ma ssarrafx. Kien jaf illi c-cheque kien fil-fatt tal-mara tieghu. Qal ukoll illi hu kien jaf li l-prokura giet imwaqqfa madwar xahar u nofs ilu, u li ma kienx jaf li martu kienet waqqfithielu minhabba l-problemi ta' bejniethom. Ammetta

li hu u martu kienu ggieldu dwar il-fatt illi binthom kienet zebghet xagharha safra. Innega li hu qatt hedded lil martu. Ammetta wkoll illi hu kien waddbilha xi hwejjeg barra fil-bitha talli kienet marret ghand ommha ghax kienet ilha barra mis-6 ta' fil-ghodu.

Illi rat ukoll li gew ezebiti zewg sentenzi, wahda mill-Prosekuzzjoni fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Joseph Abela" datata 11 ta' Mejju, 2009 Dok PAM1. Id-Difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella' xhieda ta' l-identita' fuq l-istess.

Rat ukoll is-sentenza ezebita b'nota mid-Difiza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Maurice Curmi) vs Giuseppe Abela datata 18 ta' Ottubru, 2010, Dok MC1, biex tipprova li s-sentenza sospiza kienet diga' ttiehdet in konsiderazzjoni b'din is-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta b'mod ampju illi Giuseppe Abela kien legalment sapjenti mill-fatt illi martu kienet irrevokat il-prokura generali, dan ghax biha gie debitament notifikat. Illi ghalhekk hu tqieghed f'sitwazzjoni fejn messu kien jaf illi ma setax ihallas ebda djun mill-kont ta' martu, wahda ghax ma kienx baqaghlu tali poter ta' amministrazzjoni. Ma giex pruvat b'mod car illi hu kien sapjenti tal-fatt illi martu kienet fil-fatt ghalqet il-kont.

Illi certament legalment Giuseppe Abela kien svestit mill-poter illi jhallas b'cekkijiet mill-kont ta' martu. Ikkonsidrat wkoll illi hu hareg dan ic-cheque sentejn wara li giet irtirata l-prokura, b'firma li certament mhix ta' martu, dan skond l-istess xhieda taghha – ghaldaqstant qieghda ssibu hati tar-reati addebitati fl-Artikoli 308, 309, 310, 169, 251B, 252, 339, 49, u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tilliberah mill-kumplament ta' l-akkuzi lilu addebitati, in kwantu dawn ma jirrizultawx, u minhabba r-rinunzja ta' martu.

Dwar il-piena, rat l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieset dak illi xehdet martu dwar il-progress li hu

ghamel, u tqieghdu taht Ordni ta' Probation ghal zmien sentejn(2) mill-lum, wara li rat l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 22 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dan illi huwa ghandu jigi dirett anke li jattendi ghal anger management programes, u dawk intizi ghal kontra l-vjolenza domestika.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------